Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 266/2012

**Gauci Automobiles Co. Ltd. [C 18358] (appellata)**

**vs**

**L-Awtorita' ghat-Transport Malta u Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment (MFEI) (appellanti)**

28 ta' Frar 2017

**Il-Qorti:**

**Rat ir-rikors tas-socjeta` Gauci Automobiles Co. Ltd.** tal-5 ta' Settembru 2012 quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva permezz ta' liema ppremettiet ili kienet akkwistat vettura bin-numru tar-registrazzjoni DRE 555 li giet registrata fit-23 t'Awissu 2012. Wara li hija kienet ivverifikat it-taxxa dovuta mal-Awtorita' ntimata fis-6 ta' Jannar 2012, il-valur ta' registrazzjoni ta' din il mudell ta' karrozza kienet indikat bhala €19,819 u t-taxxa dovuta kienet dik ta' €10,386. Izda meta eventwalment is-socjeta' rikorrenti mportat il-karrozza in kwistjoni u giet biex tirregistraha, il-valur ta' registrazzjoni mill-Awtorita' ntimata gie valutat €22,976 u t-taxxa dovuta u mhallsa kienet €12,041. Is-socjeta' rikorrenti lmentat li ma tistax tifhem kif fuq l-istess mudell ta' karrozza uzata, il-valur ta' registrazzjoni zdied flok naqas. Inoltre fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti il-valur ta' registrazzjoni kif giet mahduma mill-Awtorita' f'Awissu 2012 ma tirreflettix il-valur kif suppost gie mahdum skont l-Artikolu 9 (2) tal Kap. 368 tal Ligijiet ta Malta, u b'hekk it-taxxa mhallsa kienet izjed milli suppost skont il-ligi. Hija talbet ghalhekk lit-Tribunal sabiex jiddikjara illi hija hallset taxxa zejda lil Gvern fuq dina l-vettura u sabiex jordna lill-intimati jew min minnhom jirriffondulha l-flus mhallsa zejda.

**Rat ir-risposta ta' Transport Malta**[1] tat-28 ta' Settembru 2012 fejn gie eccepit in linea preliminari li a tenur tal-Kap 499 tal-Ligijiet ta' Malta, isem l-Awtorita' ntimata huwa l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u ghalhekk ghandha ssir id-debita korrezzjoni. Fil-mertu, l-Awtorita' rribattiet li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda peress illi l-valur ta' registrazzjoni u t-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura huma legali, gusti u ghandhom jigu konfermati.

[1] Fol 13.

Rat ir-risposta **tal-Ministeru tal-Finanzi Ekonomija u Investiment**[2]**,** tas-27 ta' Settembru 2012, permezz ta' liema gie eccepit illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghax (i) il-valur li ghandu jithallas bhala valur ta' registrazzjoni minn persuna li takkwista vettura huwa marbut mad-data tar-registrazzjoni tal-vettura u mhux ma' data ohra precedenti jew ulterjuri ghal dik tar-registrazzjoni. F'kull kaz, fir-rigward ta' kif gie mahdum il-valur ta' registrazzjoni tal-vettura mertu tal-proceduri odjerni, minn indagini illi ghamel l-esponenti jirrizulta illi dan inhadem b'mod gust, u li ghaldaqstant kwalunkwe taxxa mhallsa mir-rikorrenti saret skont il-ligi.

Rat **is-sentenza preliminari tat-Tribunal tal-10 ta' Marzu 2014**[3] li cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-awtorita' ntimata dwar il-kompetenza tat-Tribunal biex jisma' l-kaz;

Rat **is-sentenza finali tal-istess Tribunal tas-6 ta' Ottubru 2015** li ddecidiet hekk:

*"Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata stante li din giet sorvolata b'digriet tal-4 ta' Dicembru 2012, jilqa' l-appell tas-socjeta` rikorrenti fit-termini hawn fuq enuncjati u jichad it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u l-eccezzjonijiet kollha tal-Ministeru intimat.*

*Bl-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu ugwali tal-Awtorita` intimata u tal-Ministeru intimat."*

L-intimati appellaw mid-decizjoni tat-Tribunal quddiem din il-Qorti u s-socjeta' appellata wiegbet[4]. Waqt is-seduta tal-14 t'Ottubru 2016[5] dehru r-rapprezentanti tal-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom u saret trattazzjoni.

Il-Qorti rat l-atti.

**Hemm konnessjoni bejn il-principji dibattuti f'dan l-appell u l-appelli Rik 265/12, 269/12, 270/12, 278/12, 316/12 fl-istess ismijiet ghalkemm il-mertu jirrigwarda vetturi differenti.**

**L-aggravji tal-intimati**

L-ilmenti huma li:

---

[2] Fol 11.

[3] Fol 36 et seq.

[4] Fol 8 et seq.

[5] Fol 25.

i. Il-pretensjonijiet tas-socjeta' appellata ma jirrigwardawx it-tehid ta' att amministrattiv u ghalhekk jezorbitaw mill-kompetenza tat-Tribunal;
ii. Is-socjeta' appellata ma ressqet ebda prova biex issostni l-allegazzjoni taghha li l-valur ta' registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni ma kienx mahdum skont il-ligi;
iii. La darba t-Tribunal ma sab ebda nuqqas da parti tal-Ministeru appellant, huwa ma kellux jiddikjara li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati minnu wkoll.

Mill-atti jirrizulta li:

i. **Fit-23 ta' Awissu 2012** is-socjeta' appellanti rregistrat vettura uzata tal-ghamla **Audi Q5 Estate bin-numru ta' registrazzjoni DRE 555**[6];
ii. Ix-xhud Mark Gauci, rapprezentant tal-appellanti, xehed li s-socjeta' rrikorriet quddiem it-Tribunal ghal rimedju ghax: *"ir-registration tax illi qeghda tithallas fuq karozza uzata f'certu cirkustanzi qed tkun daqs karozza gdida jew izjed*[7]*"*;
iii. Fil-kaz odjern Gauci jghid li wasal ghal konkluzjoni li taxxa ta' registrazzjoni mhallsa fuq il-vettura in kwistjoni kienet aktar gholja minn wahda gdida u ghalhekk zbaljata ghax huwa ghamel paragun ma' karozza gdida identika bhalha[8];
iv. Minkejja li x-xhud prometta li kien ser jesebixxi d-dokumentazzjoni li fuqha kien ghamel tali paraguni, huwa baqa' ma pproduca ebda prova ta' dan[9];
v. Ix-xhud insista li fis-sistema taghha l-Awtorita' jkollha *record* tat-taxxa ta' registrazzjoni li tithallas fuq vettura gdida u fuq vettura identika uzata[10];
vi. Kien hemm okkazjonijiet fejn wara laqghat li saru bejn rapprezentanti tal-intimati u s-socjeta' appellanti giet imnaqqsa t-taxxa ta' registrazzjoni dovuta minhabba kalkolu skorrett tal-valur ta' registrazzjoni da parti tal-Awtoritajiet[11];
vii. Giet ezibita mis-socjeta' appellanti dokumentazzjoni li turi li fl-2009, fir-rigward ta' vettura BMW 1 Series 120d li s-socjeta' appellanti kienet xtrat ghall-prezz ta' Eur12,000 il-valur ta' registrazzjoni li fuqu thallset it-taxxa kien kalkulat ghal Eur15,227 u wara lment li tressaq mill-istess socjeta' il-valur ta' registrazzjoni tal-vettura rega' gie kalkulat mill-Awtorita' appellata u nghatalha rifuzjoni ta' Eur798.53 taxxa ta' registrazzjoni[12];

---

[6] Fol 3.

[7] Fol 34A.

[8] Fol 34D.

[9] Fol 52-53.

[10] Fol 34E.

[11] Fol 47-48.

[12] Fol 54A-54D.

viii. Giet esibita dokumentazzjoni ohra, ukoll tal-2009, fejn wara lment simili mis-socjeta' appellanti fir-rigward ta' vettura Jaguar Xf JAG-270 l-Awtorita' rrifondiet lill-istess socjeta' is-somma ta' Eur4,237.42 bhala d-differenza ta' taxxa ta' registrazzjonni mhallsa ndebitament[13];

ix. Is-socjeta' appellanti prezentat ukoll Avviz tal-Awtorita' ntimata tas-6 ta' Jannar 2012 li juri l-valur ta' registrazzjoni fuq vettura simili bhala Eur19,819.00 u t-taxxa ta' registrazzjoni kalkulata fuqha fis-somma ta' Eur10,386[14], kif ukoll id-dokument tal-Awtorita' li jirrigwarda l-vettura mertu ta' dawn il-proceduri datat 16 ta' Awissu 2012 u li juri li l-valur ta' registrazzjoni fuq din il-vettura gie kalkulat ghal Eur22,978.00 bit-taxxa ta' registrazzjoni tammonta ghal Eur15,332 *system defined* u Eur12,041 *user defined*[15].

x. L-intimati ma ressqu ebda provi u lanqas gew imharrka biex jixhdu mis-socjeta' appellanti.

**<u>L-ewwel aggravju</u>**

Minkejja li fl-ewwel aggravju l-Awtorita' argumentat li t-Tribunal m'ghandux kompetenza *ratione materiae* tat-Tribunal, ma saret l-ebda talba ghar-revoka tas-sentenza parzjali tal-10 ta' Marzu 2014 fir-rikors tal-appell taghha. Lanqas ma sar appell minn din is-sentenza fil-kawzi l-ohra konnessi.

F'kull kaz dan l-ilment mhuwiex gustifikat. Fl-ewwel lok u kif tajjeb qal it-Tribunal, id-definizzjoni ta' *"att amministrattiv"* fil-Kap 490 mhijiex ezawrjenti. Fit-tieni lok, l-artikolu 11(A) tal-Kap. 368 jipprovdi:

*"Kull persuna li tkun hallset jew li ghandha thallas taxxa fuq ir-registrazzjoni ta' vettura tista'* ***tappella kontra l-ammont ta' taxxa li tigi mposta*** *fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata mid-data meta dik il-persuna tigi notifikata b'dak l-ammont"*.

L-appellanti ssostni li l-ilment tal-appellata hu dwar il-metodu ta' kif jigi kkalkolat il-valur ta' registrazzjoni tal-vettura u mhux id-decizjoni finali tal-appellanti fir-rigward tal-imposizzjoni tat-taxxa. Il-qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-appellanti. L-ilment tal-appellata hu proprju dwar l-ammont ta' taxxa li giet imposta, tant li ssostni li kellha tigi mposta taxxa nqas minn dik li fil-fatt intalbet thallas. Ovvjament il-persuna li tikkontesta t-taxxa ta' registrazzjoni li l-Awtorita timponi, trid taghti raguni ghal kontestazzjoni. Fil-kaz tal-appellata hu li, minhabba l-valur ta' registrazzjoni tal-vettura t-taxxa ta' registrazzjoni kellha tkun inqas minn dik imposta mill-Awtorita. Minghajr il-valur ta' registrazzjoni mhuwiex possibbli li tasal ghall-ammont ta' taxxa li jkun dovut fuq il-vettura.

---

[13] Fol 54E-54K.

[14] Fol 4 – Dok B.

[15] Fol 5 – Dok C.

**<u>It-tieni aggravju</u>**

L-appellanti sahqet li l-formola matematika uzata sabiex jigi determinat il-valur tar-registrazzjoni ta' vettura tinkludi l-valur tal-prezz medju fis-suq ghal vetturi ta' dik l-ghamla, liema valur ivarja kontinwament. It-talba tal-appellata quddiem it-Tribunal kienet bazata fuq diskrepanza fil-valur ta' registrazzjoni fuq vettura simili li ma kinitx ghadha valida. L-appellant ziedet li f'kull kaz, l-allegazzjonijiet tas-socjeta' appellata dwar zbalji kommessi mill-Awtorita' appellanti ma gewx pruvati u ghalhekk it-Tribunal ma kellux jilqa' t-talbiet tas-socjeta' appellata.

Fil-kaz odjern, it-Tribunal wasal ghal konkluzjoni diversa minn dawk tal-proceduri konnessi ghal zewg ragunijiet –

i. Il-vettura mertu ta' dawn il-proceduri kellha *"proprjetajiet simili jew addirittura identici"* ghall-vettura l-ohra li giet valutata f'Dok B;

ii. La fic-cirkostanzi l-Awtorita' ma tatx spjegazzjoni plawsibbli il-ghala f'temp ta' ftit xhur kien hemm awment fil-valur ta' registrazzjoni kif ukoll allura t-taxxa ta' registrazzjoni, is-socjeta' appellata ghandha tinghata ragun fl-ilment taghha.

L-artikolu 9(2) tal-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta) huwa car dwar il-mod kif ghandu jigi kalkulat il-valur ta' registrazzjoni ta' vettura ghal fini ta' taxxa ta' registrazzjoni -

*"(2) Il-valur ta' reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur użata fil-kategorija M1, motor cycle, quad bike, kwadriċikletta jew vettura classic, vintage jew veteran importata jew miġjuba f'Malta għandu jitqies li jkun* ***il-medja tal-valur tas-suq ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq Malti, u dak il-valur għandu jiġi kalkolat billi jiġi deprezzat il-valur tal-fattura tal-manifattur kif ukoll, meta jkun japplika, l-assigurazzjoni u l-ġarr ta' dik il-vettura importata jew miġjuba f'Malta bħala ġdida jew manifatturata f'Malta hekk kif ikun il-valur fis-suq Malti preżenti****:*

*Iżda l-valur fis-suq Malti preżenti għandu jiġi determinat fil-waqt li tiġi imposta t-taxxa fuq il-vettura bil-mutur."*

Fil-kondizzjonijiet li a bazi taghhom isiru l-kalkoli mill-Awtorita appellanti, jinghad:

*"The formula used to derive the registration value is (Average Used Price x (CIF New/Price New), where the average used price is calculated by deriving price ratios, combining local consumer prices or opinion values provided by authorised dealers where consumer prices are insufficient and information which is published by CAP Motor Research Ltd. All this information provide a framework for publishing the registration values for the majority of used motor vehicles being brought into Malta. The (CIF New/Price New) ratio is calculated on the basis of information held by Transport Malta".*

L-ilment tas-socjeta appellata hu bazat fuq il-prova li fis-6 ta' Jannar 2012 l-Awtorita ghamlet stima ta' vettura Audi Q5 Diesel Estate fl-ammont ta' €18,819, filwaqt li fis-16 ta' Awissu 2012 ghamlet stima tal-istess mudell fl-ammont ta' €22,978, igifieri diskrepanza ta' **€3,159**.

Meta tqies dak li jipprovdi l-Artikolu 9(2) tal-Kap. 368 u l-fatt li z-zewg certifikati hargu fi spazju ta' seba' xhur biss, il-qorti ma tifhimx kif l-appellanti qeghdin jilmentaw mid-decizjoni tat-Tribunal. Dan iktar u iktar meta lanqas biss ma ndenjaw ruhhom iressqu bhala xhud persuna mit-taqsima teknika tal-Awtorita sabiex jispjega kif gie stabbilit valur ta' registrazzjoni ta' €22,978, meta tmien xhur qabel l-istess Awtorita ddikjarat li l-valur ta' registrazzjoni tal-istess mudell kien ta' €19,819. Il-qorti tfakkar li kull wiehed mill-intimati, fit-twegiba ghar-rikors promotur tal-appellata, kien iddikjara li l-valur ta' registrazzjoni tal-vettura kien korrett. L-inqas li kellhom jaghmlu kien li jispjegaw lit-Tribunal kif l-Awtorita waslet biex tiffissa valur ta' registrazzjoni fis-somma ta' €22,978 meta ftit xhur qabel il-valur kien ta' €19,819.

Din il-qorti taqbel perfettament mal-posizzjoni li ha t-Tribunal:

*"(….) f'dan il-kaz il-vettura ghandha l-proprjetajiet simili jew addirittura identici, u allura, sakemm dan it-Tribunal ma jigix offrut bi spjegazzjoni ghala l-valutazzjoni tal-vettura in kwistjoni ghola u mhux nizel, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi s-socjeta rikorrenti ghandha ragun fl-appell taghha".*

Hu veru li fic-certifikat mahrug fis-6 ta' Jannar 2012 jinghad li l-valur ta' registrazzjoni hu validu sal-ahhar tax-xahar ta' wara, madankollu bhala regola bil-moghdija ta' zmien il-valur tal-vetturi mhux joghla imma jonqos. L-appellati ma taw l-ebda spjegazzjoni ta' x'wassal biex inbidel il-valur ta' registrazzjoni f'perjodu ta' ftit xhur li wassal biex il-valur ta' registrazzjoni kien iktar minn dak stabbilt f'Jannar tal-istess sena.

Il-qorti taqbel perfettament mal-motivazzjoni li ta t-Tribunal biex wasal biex jilqa' t-talba tal-appellata.

**<u>It-tielet aggravju</u>**.

Ladarba gew michuda l-eccezzjonijiet tal-Ministeru tal-Finanzi, il-qorti ma ssib l-ebda raguni ghalfejn dan l-appellant ma kellux jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-proceduri ugwalment mal-appellant l-iehor.

**Ghaldaqstant, tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.